MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2013

Numru. 1292/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Etienne Camilleri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Etienne Camilleri detentur tal-karta tal-identita` numru 104277M.

Akkuzat talli:
Bejn l-1 ta’ Marzu 2008 u d-9 ta’ April 2008, minn fuq dghajsa bl-isem ta’ Brecklyn illi kienet sorguta gewwa Pjazza Dun Tarcis Agius, Marsaskala ikkommetta serq ta’ diversi affarijiet elettronici liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u

bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Brian Farrugia u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli f-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u rega’ ikkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;
Semghet lill-partijiet li kkonfermaw li llum il-gurnata l-imputat irriforma ruhu u li kkopera mal-prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 17(d), 49, 50, 263, 267 u 270 tal-Kodici Kriminali qed issib lill-imputat Etienne Camilleri hati tal-akkuzi kollha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7A tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tpoggih taht Probation Order ghal sentejn (2).

Inoltre, tikkundannah l-ispejjez tal-inkjesta u dan skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fl-ammont ta’ mitejn erbgha u tmenin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€284.58) b’sena zmien sabiex ihallas l-istess ammont. Fin-nuqqas ta’ hlas relattiv fiz-zmien stipulat hawn fuq, dan ghandu jigi kkonvertit f’habs skont il-ligi.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-import ta’ tali decizjoni u l-konsegwenzi jekk tali decizjoni ma tigix osservata, u tordna wkoll li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti Kriminali u Direttur tal-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------